**26 ta' Mejju 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Giovanni Grima

*versus*

Victor Fava u Michele Peresso

**Appell — Ġudikat — Dispositiv tas-Sentenza.**

*Dak li hu anteċedent neċessarju tad-dispositiv tas-sentenza u li hu ta' bilfors ovvjament deduċibbili minnu, għalkemm ma jingħadx fl-istess dispositiv, jitqiesu involut fih u parti minnu. Għalhekk jekk ma jkunx hemm appell minn dak il-punt*

*deċiż dan jgħaddi in ġudikat u l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista teżaminah mill-ġdid.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun; peress li l-instanti fuq proprosta inizjali tal-konvenut Victor Fava, kien aċċetta li jagħmel u fil-fatt għamel diversi xogħolijiet a favur tal-konvenut Michele Peresso u fil-fond ta' proprietà ta' dana l-konvenut nomine 180, Merchants Street, Valletta; peress li, wara li beda jaħdem u sakemm ittermina x-xogħol kollu lilu kommess il-konvenut Peresso indikalu xogħolijiet oħra differenti u oltri dawka inizjalment indikati mill-konvenut Fava u inoltre fir-rigward tax-xogħolijiet inizjali, il-konvenut Peresso ordna lill-instanti diversi modifikazzjonijiet u ripetizzjonijiet kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; peress li l-instanti spiċċa biex esegwixxa x-xogħolijiet kollha, kompriża l-ispiża relativa, li jirrisultaw mill-annessi dokumenti A, B, u C — mill-liema xogħolijiet ġie li bbenefika l-konvenut Michele Peresso — ta' liema xogħolijiet l-attur ma rnexxilux jitħallas mħabba ċ-ċirkostanzi spjegati fl-annessa dikjarazzjoni; prevja likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur tax-xogħolijiet kollha u tal-ispejjes minnu erogati in konnessjoni mal-istess xogħolijiet magħmula fil-fond numru 108, Merchants Street, Valletta u liema likwidazzjoni għandha ssir permezz ta' periti nominandi għal dan l-iskop, talab illi l-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat u dana għaliex l-istess xogħolijiet u spejjes ġew minnhom ordnati u kommissjonati jew, għal daka li jirrigwarda l-konvenut Peresso, ġew mill-attur esegwiti a benefiċċju tiegħu; bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Fava

li biha qal illi d-domandi attriċi, in kwantu diretti kontra l-eċċipjent, huma *infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-eċċipjent* ma għamel xejn ħlief irrakkomanda lill-konvenut l-ieħor biex jekk dana ried, seta' jaħdem b'opera tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Michele Peresso fejn qal:—

Omissis

3) Li *subordinatament* u fil-meritu l-eċċipjent qatt ma kellu relazzjonijiet kontrattwali mal-attur, u infatti l-preventiva *tax-xogħol saru mal-konvenut l-ieħor Fava, li miegħu* biss l-eċċipjent kellu relazzjonijiet kontrattwali. Għalhekk ukoll lanqas bl-"actio de in rem verso" *ma* jista jkun tenut l-eċċipjent, għaliex subordinatament għaż-żewġ preġudizzjali fuq sollevati, ma jistax ikun hemm ebda lokupletazzjoni favur *l-eċċipjenti* liema lokupletazzjoni *hija l-pre*suppost indispensabbli tal-azzjoni "de in rem verso", għaliex l-eċċipjent għax-xogħol li sar fid-dar tiegħu huwa tenut iħallas lil Fava.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Diċembru 1966 li biha ddeċiediet billi laqgħat it-talba tal-attur fis-sens biss li kkundannat lill-konvenut Peresso iħallas lill-attur issomma riżultanti mill-istima a fol. 26, nieqes il-prezz tattaraġ tal-irħam jew tal-mosaic fiha indikati, jiġifieri £340. 0. 0. u ċaħditha għall-kumplament; b'dana li jibqa riservat favur il-kontendenti Grima u Fava, "si et quatenus", kwalunkwe dritt kontra xulxin, jew kontra l-konvenut Peresso għall-allegati xogħolijiet barranin u xogħolijiet oħra li setgħu talvolta saru fil-fond in kwistjoni.

Omissis

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi riformata billi

Omissis

(b) *fuq il-meritu*, dwar il-ħlas tax-xogħolijiet u r-rifusjoni ta' li spejjes minnu magħmula fil-fond Nru. 108 Merchants Street, Valletta, jiġi dikjarat li, a tenur tad-domanda fiċ-ċitazzjoni, għandhom jiġu involuti u likwidati x-xogħolijiet u l-ispejjes kollha hekk magħmula u hu jiġi kanonizzat fl-ammont kollu riżultanti u dana jew billi l-Qorti stess tagħmel din il-likwidazzjoni tippronunzja il-kundanna relativa jew billi l-atti tal-kawża jiġu rimissi lill-ewwel Qorti għall-fini tal-likwidazzjoni u kanonizzazzjoni; u (c) jiġi deċiż li hu ma għandu jħallas l-ebda parti mill-ispejjes tad-domanda prinċipali billi l-istess spejjes jiġu mħallsa mill-konvenuti jew minn min minnhom: bl-ispejjes ta' din l-istanza.

Rat ir-risposta tal-konvenut Victor Fava li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjes.

Rat ir-risposta ta' l-konvenut Michele Peresso li qal li l-appell ta' l-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjes.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess konvenut Michele Peresso u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li l-ammont kif kanonizzat biha jiġi ridott bi £42 għas-somma ta' £298. 0. 0. fis-sens premess fil-petizzjoni u jiġi kjarifikat li ma jikkomprendix ix-xogħol tat-taraġ bl-irħam jew mosajk li ma sarx; u tiġi riformata wkoll fil-kap ta' l-ispejjes fis-sens li dawna (ħlief dawk relativi għall-ewwel eċċezzjoni) jiġu karikati intera-

ment fuq l-attur u/jew il-konvenut Fava b'mod li hu stess jiġi meħlus minnhom għal kollox bl-ispejjes ta' l-appell.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata għandha tiġi riformata kif mitlub fil-petizzjoni tiegħu u mhux kif mitlub fl-appell tal-konvenut Peresso — bl-ispejjes.

Rat ir-risposta tal-konvenut Fava li, anki relativament għall-appell magħmul mill-konvenut Peresso, qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fis-seduta ta' l-10 ta' April, 1967, kif jidher mill-verbal fol. 141, il-kawża ġiet differita jew għall-provvediment ta' nomina ta' perit jew għas-sentenza fuq il-kwistjoni preliminari jekk l-inkariku ta' l-konvenut Peresso kienx mogħti lill-attur Grima jew inkella lill-konvenut Fava; u fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 1967 Dottor Harding għall-konvenut Peresso issottometta illi, fil-każ li jiġi nominat Perit, l-inkariku tiegħu fil-konfront ta' l-istess konvenut Peresso għandu jkun limitat għall-istima tax-xogħolijiet extra jiġifieri xogħolijiet mhux koperti bl-istima li skond it-teżi tiegħu kien għamilu l-konvenut Fava: Hu però raġa issottometta illi jkun aktar konvenjenti f'dan l-istadju li tiġi deċiża l-kwistjoni jekk il-konvenut Peresso l-inkariku tax-xogħolijiet kienx tah lill-attur Grima inkella, kif hu jsostni, lill-konvenut Fava.

Il-Qorti taqbel illi, fl-ewwel lok, għandha tiġi eżaminata dik il-kwistjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, dik il-kwistjoni (hi x'inhi l-opinjoni

li din il-Qorti stess setgħat tifforma skond il-provi) ġiet ġa deċiża fis-sentenza appellata u dana b'mod li issa sar definitiv in vista tal-fatt li, **il-konvenut Fava,** mhux biss akkwiexxa għas-sentenza appellata, **iżda fuq iż-żewġ appelli, cioè dak ta' l-attur u dak tal-konvenut Peresso, iddikjara, fir-risposta tiegħu, illi s-sentenza appellata hi ġusta u talab li tiġi konfermata.**

It-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur kienet diretta kontra ż-żewġ konvenuti jew min minnhom. L-interess ta' l-attur hu, naturalment, dak li jitħallas tax-xogħol li hu għamel u ta' l-ispejjes li hu ħareġ. Taħt dan l-aspett hu għalih indifferenti jekk il-ħlas isirx mill-konvenut il-wieħed jew mill-konvenut l-ieħor: iżda hu sab ruħu fil-bżonn li jindirizza t-talba tiegħu kontra tagħhom it-tnejn jew min minnhom għaliex ma kienx jidher ċar, minħabba l-atteġġjament li kull wieħed minnhom ħa dwar it-talba tiegħu, min minnhom tassew għandu jitqies id-debitur.

L-ewwel u l-aqwa kwistjoni li kienet tinqala u li ovvjament tqajmet fil-kawża — apparti minn xi inċidenti proċedurali sollevati mill-konvenut Peresso — kienet appuntu dik min miż-żewġ konvenuti kellu jitqies, fir-rapport ma l-attur, li kien il-komittent: jew aħjar lil min, bejn l-attur u l-konvenut Fava, il-konvenut Peresso kien ta' l-inkarigu għax-xogħol.

**Din** hi l-kwistjoni prinċipali li ġiet deċiża fis-sentenza appellata, li fiha l-ewwel Onorabbli Qorti **irriteniet illi l-konvenut Peresso, almenu għax-xogħolijiet kompriżi fl-istima fol-26, kien ta l-inkarigu mhux lill-attur iżda lill-konvenut Fava.** L-eċċezzjoni tal-konvenut Fava kienet illi t-talba ta' l-attur in kwantu diretta kontra tiegħu kienet infondata "peress illi hu ma għamel xejn ħlief irrikkmanda lill-konvenut

l-ieħor biex, jekk ried, sata jaħdem b'opra ta' l-attur". L-eċċezzjoni tal-konvenut Peresso, *fil-meritu*, kienet illi "hu ma kellu qatt relazzjonijiet kontrattwali ma l-attur u infatti il-preventivi tax-xogħol saru mal-konvenut l-ieħor Fava li miegħu biss hu kellu relazzjonijiet kontrattwali." Fis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti għal dak kollu li jirrigwarda s-sentenza ta' din il-kwistjoni, akkoljiet il-pretensjoni tal-konvenut Peresso ċaħdet il-pretensjoni tal-konvenut Fava.

Hu veru illi dan, ma jingħadx in termini fid-dispositiv tas-sentenza appellata. Iżda, kif intqal fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Farrugia Gay vs Farrugia" (Kollez. Vol. XXIV, I, 157) "per riconoscere il vero portato di una sentenza, occorre indagare quale fosse stato la questione sulla quale il giudice fu chiamato a *pronunziarsi* e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare *il* dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il giudicato". L-istess ħaġa intqal minn din il-Qorti fil-kawża "Debono vs Mathews" (App. Ċiv. 24 ta' Ottubru, 1966) ċioè illi "id-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-*premessi*". Fl-appell "Dottor Caruana vs Dottor. Buhagiar (App. Ċiv. 17 ta' Diċembru, 1965) din il-Qorti qalet: "Biex dikjarazzjoni *tkun* konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġonament jew sempliċi motiv iżda vera soluzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta il-konklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew konklużżjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha". Fl-aħħarnett fil-kawża "Testaferrata Bonnici vs Testaferata *Bonnici*" (App. Ċiv. 12 ta' Mejju, 1958) intqal — u dak hu partikolarment appożitu għall-każ preżenti — illi "dak li hu anteċedent neċessarju tad-disposit-

tiv u li hu ta' bil-fors ovvjament deduċibbli minnu, jitqies involut fih u parti minnu".

Issa fid-dispożittiv tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur fis-sens biss li kkundannat il-konvenut Peresso iħallas lill-attur **is-somma riżultanti mill-istima a fol. 26.**

Din il-konklużjoni hi r-riżultat loġiku u inevitabbli (**salvi, s'intendi għal kollox u impreġudikata l-appelli ta' l-attur u tal-konvenut Peresso** li għal mument m'huma jiġu b'ebda mod konsiderati) tar-raġonamenti li jippreċeduha u li huma l-anteċedent neċessarju tagħha. Dawn ir-raġonamenti jidhru bl-aktar mod ċar u enfatiku mill-istess sentenza. L-ewwel Onorabbli Qorti, wara li qalet illi l-attur għandu rimedju kontrattwali u t-talba tiegħu taħt l-aspett tal-verżjoni utili kontra Peresso kienet intempestiva, żiedet tgħid, immedjatament wara:

> "Il-Qorti, waslet għall-premessa konklużżjoni billi mir-riżultanzi tal-kawża, iradikat il-konvinzjoni li bejn l-attur u l-konvenut Fava kien hemm relazzjonijiet kontrattwali dwar dan ix-xogħol, bażati fuq ftehim li l-istess Fava kien preventivament għamel mal-konvenut Peresso".

Il-bqija tas-sentenza, minn hemm sat-tmiem, hu kollu kemm hu dedikat biex juri kif, fil-fehma ta' dik l-Onorabbli Qorti, kif l-appaltatur, fir-relazzjoni mal-konvenut Peresso, kien il-konvenut Fava, u l-attur kien biss l-imgħallem imqabbad minn Fava biex jeżegwixxi x-xogħol ta' l-appalt. Dik il-Qorti dehrilha li Fava kien "appaltatur anki għar-rigward tax-xogħol in kwistjoni", għalkemm ix-xogħol materjalment għamlu l-attur, għaliex "il-kwistjoni dwar min kien l-im-

għallem ma tistax tiġi kompresa mal-fatt min kien realment l-appaltatur". Imbagħad, fis-sentenza jingħad; "Il-Qorti mill-kompless tal-provi hija soddisfatta li sar ftehim fuq ix-xogħol u fuq il-prezz relativ bejn il-konvenuti Fava u Peresso, riżultanti mill-istima a fol. 26 tal-proċess, u li għalhekk Peresso mhux tenut iħallas lill-attur, skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1737 tal-Kodiċi Ċivili ġa fuq ċitat aktar mis-somma li kienet dovuta lill-konvenut Fava, fiż-żmien li l-attur istitwixxa din il-kawża".

Hawn preċiżament qiegħda ir-raġuni u l-bażi tad-dispositiv li magħhom hu marbut imprexindibbilment. Rijassunta fi ftit kliem is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tgħid dan:

> "Appaltatur ta' l-konvenut Peresso għax-xogħolijiet kompriżi fl-istima fol. 26 kien Fava. L-attur kien biss l-imgħallem imqabbad biex jesegwixxi x-xogħolijiet mill-konvenut Fava. Skond l-artikolu 1737 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur, bħala impjegat ta' l-appaltatur, ma għandux azzjoni kontra l-konvenut Peresso, li għalih sar ix-xogħol ħlief sa l-ammont li l-istess Peresso kellu jagħti lil Fava fiż-żmien li l-attur għamel il-kawża. Dan l-ammont hu dak indikat fl-istima fol. 26. Għalhekk Peresso għandu jiġi kundannat iħallas lill-attur dik is-somma".

Dan irriteniet u ddeċidiet — sa fejn hu rilevanti għal din id-deċiżżjoni — is-sentenza appellata; u, kif ġa intqal, il-konvenut Fava akkwieta ruħu għaliha, anzi qal, li hi ġusta u timmerita konferma.

Iżda, s'intendi, dik id-deċiżżjoni, fil-waqt illi torbot lill-konvenut Fava, ma tistax tippreġudika l-appell ta' l-attur,

anqas in kwantu gie stabbilit biha l-ammont li l-konvenut Peresso suppost li kellu jaghti lill-konvenut Fava fiż-żmien taċ-ċhażżjoni ghab-bażi tal-istima fol. 26. Jew minn ghand il-konvenut Fava jew min ghand il-konvenut Peresso, l-attur ghandu dritt jithallas tax-xogholijiet u ta' l-ispejjes kollha li hu ghamel u t-talbiet ta' l-attur fl-interezza taghhom, setghu u fil-fehma tal-Qorti messhom jigu deċiżi f'din il-kawża. Ghal dan il-fini hu neċessarju il-provvediment infraskritt.

Ghalhekk il-Qorti —

L-ewwelnett tiddeċidi illi, in kwantu is-sentenza appellata irriteniet illi, ghax-xogholijiet koperti fl-istima fol. 26 il-konvenut Peresso kien ta l-appalt lill-konvenut Fava, dik is-sentenza ghaddiet f'gudikat;

Fit-tieni lok tinnomina, ghas-spejjes provviżorjament ta' l-attur lill-Perit Paul Mercieca, propost mill-partijiet, u tatih l-inkarigu li jaghmel li stima tax-xogholijiet kollha u l-ispejjes maghmulin mill-attur fil-fond tal-konvenut Peresso pretiżi mill-attur skond id-dokument A, B u C annessi maċ-ċitazzjoni: din l-istima barra milli turi it-total dovut lill-attur ghandha turi ukoll separatament (a) liema parti minn dak it-total hi dovuta ghall-fatt, jekk dan jirriżulta, illi ċerti xogholijiet imsemmijin fl-istima fol. 26 saru "differentement cioè b'mod aktar estensiv b'ordni tal-konvenut Peresso" kif allegat taht in-numru (ii) fid-dokument A eżibit mal-petizzjoni ta' l-appell (fol. 120); u (b) liema parti mit-total hi dovuta ghal xogholijiet jew spejjes extra li saru oltri dawk imsemmijin fl-istima fol. 26 kif allegat taht in-numru (iii) tad-dokument A fol. 120 hawn fuq imsemmi. Il-Qorti taghti lill-Perit il-fakolta soliti fosthom dawk li jisma x-xhieda u jamministralhom il-gurament u tordna li r-rap-

port jiġi ippreżentat mhux aktar tard mill-25 ta' Ġunju, 1967, bil-fakoltà li, il-Perit jikkonfermah bil-ġurament fir-Reġistru u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni għas-26 ta' Ġunju, 1967.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati.